**KUNSILLLOKALI NADUR**

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Nadur**

**DISA' (9) LEĠISLATURA**

**Laqgħa Urgenti Numru Tmienja u sittin (68)**

**L-Ħamis, 5 ta' Ottubru 2023**

Il-Kunsill Lokali tan-Nadur iltaqa' online, fl-4:00pm.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Edward Said | Sindku |
| Eucharist Camilleri | Viċi Sindku |
| Joseph Vella | Kunsillier |
| Jean Paul Portelli | Kunsillier |

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Sue Ellen Buġeja | Segretarju Eżekuttiv |

**ASSENTI:**

| | |
|---|---|
| Josef Camilleri | Kunsillier |

Il-laqgħa bdiet b'talba.

**68.1. Qari tal-ittri ta' l-apoloġiji.**

Kien hemm assenti il-Kunsillier Josef Camilleri.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

**KUNSILLLOKALI NADUR**

**68.1 Impjieġ ġdid fl-uffiċċju skala 16-Council Assistant minflokk skala 15-Skrivan;**

Is-Segretarju Eżekuttiv informal ill-Kunsilliera li ħarġet is-sejħa interna ta' skrivan skala 15 u anke EO skala 13. Ma kien hemm hadd interessat internament. Is-Segretarja u s-Sindku talbu biex minflokk skala 15- skrivan jiġi mitlub permess għal skala 16-Council Assistant u jibqa' ukoll l-EO skala 13.

Wara diskussjoni ġie deċiż li nitolbu lil DLG permess għal Council Assistant Skala 16. Kien hemm qbil unaminu li jintalab approvazzjoni mid-Dipartiment għal Gvern Lokali għal dan l-impjieg ta' skala 16 u dan sabiex ikun hemm bizzejjed impjegati fl-uffiċċju li ilaħqu mad-domanda tax-xogħol *day to day.* Il-Kunsill Lokali tan-Nadur idduskuta u approva li għandu biżżejjed fondi sabiex iħallas is-salarju addizzjonali b'mod indefinit.

Kien hemm qbil li fuq il-bord ikun hemm Paul Curmi, Michelle Camilleri l-accountant tal-Kunsill, Is-Segretarju Eżekuttiv li jgħatu l-punti u jkun hemm ukoll is-Sindku u l-Kunsillier Joseph Vella mingħajr ma jistgħu jgħatu punti.

**68.2 Wine Festival 2024;**

Ġew konfermati d-dati li huma 23 u 24 ta'Awissu 2024. Ġie deċiż li bands nippruvaw nikkonfermaw lil Cash and Band u lil Travellers. Kien hemm qbil fuq dawn u qbil li jinħareġ ukoll deposits mitluba mill-bands.

**68.3 Tmiem tal-laqgħa.**

Il-laqgħa spiċċat fl-4:30p.m.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |